**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 4 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 69/2017 PM1**

**Prof Alex Torpiano (ID. Nru. 836254(M)), Prof. Dion Buhagiar (ID Nru. 143958(M) u Dr. Mark Anthony Bonello (ID Nru. 743661(M)) ezercenti l-kummerc taht l-isem TBA Periti**

**Vs**

**Lydon Laudi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Jannar, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u disgha u tletin Euro u tmienja u sittin centezmi (€739.68) rapprezentanti drittijiet ghal servizzi professjonali rezi lilu mill-istess atturi bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-2 t'Ottubru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-2 t'Ottubru, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet, madanakollu, ma giet prezentata l-ebda fattura in atti u kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-imghaxijiet fuq is-somma mitluba ghandhom jigu komputati mid-data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjern tenut kont ukoll tal-fatt li tali somma tirrapprezenta drittijiet professjonali dovuti mill-intimat lill-atturi.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u disgha u tletin Euro u tmienja u sittin centezmi (€739.68) rapprezentanti drittijiet ghal servizzi professjonali rezi lilu mill-istess atturi bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjern kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**